MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 422/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dorian Colombo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dorian Colombo talli fix-xhur ta' Lulju 2006 u Awissu 2006 gewwa [dawn] il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment dovut minnu lil martu Victoria Colombo, b'hekk kiser digriet mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri, LL.D., Qorti Civili digriet nru. 523/06 datat 3 ta' April 2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Dorian Colombo hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien gimgha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Dorian Colombo pprezentat fit-22 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellate billi thassarha u tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva stante li ghandu fedina penali relattivament tajba u anke in vista tac-cirkostanzi tal-kaz. Huwa jispjega li meta tressaq il-Qorti rregistra ammissjoni minnufih u talab li jinghata ftit taz-zmien sabiex ikun jista' jghaqqad is-somma li tirrapprezenta l-arretrati tal-manteniment u jhallasha lil martu. Jghid li fil-perijodu ta' Lulju u Awissu 2006, in-negozju li huwa jiggestixxi kien qieghed jinzamm maghluq mill-awtoritajiet kompetenti peress li kienu ghadhom ma nhargulux il-permessi necessarji, liema permessi nhargu ftit tal-gimghat qabel ma pprezenta r-rikors ta' appell tieghu. Jghid li minkejja din id-diffikulta` huwa dejjem hallas il-manteniment ghat-tlett itfal u l-ispejjez taghhom. Skond l-appellant, huwa spjega dan kollu lill-ewwel Qorti fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2006 izda dik il-Qorti ma akkordatlux il-ftit taz-zmien li talab seduta stante biex ikun jista' jaghmel l-arrangamenti ma' qrabatu u jhallas l-arretrati.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti

jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Fil-kaz in ezami, il-piena hija fil-parametri tal-ligi. Pero` jirrizulta li l-appellant hallas dak kollu li kien dovut lil martu fil-mori tal-kawza ghax-xhur in kwistjoni.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi susseguenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) li, jekk ma tithallasx skond il-ligi, tigi konvertita f'detenzjoni ta' hamest ijiem skond l-artikolu 13(2) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------